VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

---

**A.L. 28 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Economics taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Economics, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Economics - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 76 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-programm preparatorju għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 kredtu."

4. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali.

"(3) Il-Bord jista' jeżenta lill-istudenti milli jagħmlu l-Programm Preparatorju kollu jew parti minnu jekk ikun sodisfatt li l-istudenti għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti għall-Kors, miksuba wara l-kwalifika ta' wara l-ewwel ċiklu."

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 28 of 2012**

## EDUCATION ACT
## (CAP. 327)

### Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in Economics under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Economics, Management and Accountancy in virtue of the powers conferred upon it by article 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by article 81 (2) of the said Act:

**Citation**

1. These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the degree of Master of Arts in Economics, and shall be read and construed as one with the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the degree of Master of Arts in Economics under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy, published as Legal Notice 76 of 2009, hereinafter referred to as "the principal bye-laws".

**Applicability**

2. These bye-laws shall be applicable for courses commencing in October 2011 or later.

**Amendment to bye-law 4 of the principal bye-laws**

3. For paragraph (1) of bye-law 4 of the principal bye-laws there shall be substituted the following:

"4. (1) The preparatory programme shall comprise study-units to which not less than 30 are assigned."

4. The following paragraph (3) shall be added after paragraph (2) of bye-law 4 of the principal bye-laws:

"(3) The Board may grant students full or partial exemption from the requirement of the Preparatory Programme if it is satisfied that the students possess post-first cycle qualification work experience that is relevant to the Course."

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*
Prezz/*Price*
€0.09